MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 64/2010

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ A B, li permezz tieghu, wara li ppremetta:

Illi r-rikorrent izzewweg lill-intimata fit-12 ta’ Dicembru 2002, certifikat taz-zwieg Nru. 1814/2002 (Dok. “A”);

Illi huma ffirmaw kuntratt ta’ firda personali datat it-3 ta’ Settembru 2009, fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Spiteri (Dok. “B”);

Illi l-kunsens ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha da parti tal-partijiet.

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-Artiklu 9 (1) (c), (d), (f) u (g), jew min minnhom, tal-Att Nru. XXXVIII tas-sena 1975 li jirregola z-zwigijiet (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghaldaqstant, l-intimata tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kontrattat fit-tnax (12) ta' Dicembru 2002 bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u dana ghar-ragunijiet fuq indikati.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' C D, li in forza taghha eccepiet:

Illi hija taqbel illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-tnax (12) ta' Dicembru, tas-sena elfejn u tnejn (2002) ghandu jigi ddikjarat minn din l-Onorabbli Qorti bhala wiehed null u minghajr effetti legali u konsegwentement jigi ordnat illi din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv, izda tali nullita' hija imputabbli interament ghall-attur hekk kif jirrizulta aktar 'il quddiem waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi huwa minnu illi dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha izda li dan id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju huwa imputabbli lill-attur u mhux lill-mittenti;

Illi huwa minnu illi l-kunsens ghal dan iz-zwieg inkiseb b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga izda li din l-eskluzjoni kienet biss min-naha tal-attur;

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-Artiklu 9 (1) (c), (d), (f) u (g) jew min minnhom, tal-Att Nru. XXXVIII tas-sena 1975 li jirregola z-zwigijiet (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi ghall-istess ragunijiet din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara u tiddeciedi li dan iz-zwieg kontrattat fit-tnax (12) ta' Dicembru, elfejn u tnejn (2002) bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza huma t-tnejn ghalliema. Bdew johorgu flimkien meta t-tnejn kellhom 28 sena u zzewgu sena u nofs wara. Iz-zwieg taghhom beda jiddeterjora ftit xhur biss wara li zzewgu u spicca biex sfaxxa. Tul iz-zmien kollu li damu flimkien, ir-rikorrenti zamm ezistenza separata minn ma' martu kemm tramite l-internet kif ukoll permezz ta' hbiberiji u relazzjonijiet extra-maritali. Sadanittant, jirrizulta ukoll li l-intimata kienet deciza li ma jkollhiex tfal.

Ir-rikorrenti issa qed titlob dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg. Huwa jsostni fost affarijiet ohra illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat bl-eskluzjoni taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

"*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe' li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega*", ("**Joseph Zammit vs Bernadette Zammit**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Jannar, 2006).

"*Biex l-attur jirnexxielu jipprova din l-allegazzjoni huwa necessarju ghalih li jressaq provi konkreti u sufficjenti, li jissodisfaw debitament il-Qorti li, fuq bilanc ta' probabilitajiet, it-tezi tieghu tirrispekkja l-verita'. Semplici suspetti jew suppozizzjonijiet u kongetturi, ma humiex bizzejjed biex igibu fix-xejn il-prezunzjoni li l-kuntratt taz-zwieg li sar bejn il-partijiet sar validament. Fi kliem iehor, l-attur hu obbligat li jipprova sodisfacentement li fil-mument li l-konvenuta tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg, hija ghamlet dan semplicement b'mod biss estern, apparenti u formali. Huwa obbligat li jipprova ukoll li l-konvenuta, <u>b'att pozittiv tal-volonta' taghha</u>, fil-verita' cahdet totalment li taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg (simulazzjoni totali) jew almenu cahdet li taghti l-kunsens matrimonjali taghha billi b'att pozittiv tal-volonta' taghha eskludiet a priori xi element essenzjali tal-hajja mizzewga (simulazzjoni parzjali). Jekk l-attur ma jaghmilx din il-prova b'mod sodisfacenti fuq bilanc ta' probabilitajiet, allura t-talba tieghu ghall-annullament taz-zwieg in kwistjoni ma tkunx tista' tintlaqa' billi actore non probante reus absolvitur*", ("**Raymond Cassar vs Anne Cassar nee' Busuttil**", deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2004).

"*Fid-duttrina jinghad li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b'att posittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali), jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali) – ara f'dan is-sens **Muscat vs Borg Grech noe**, deciza mill-Prim*

*Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Awwissu, 1995. Kif jinghad ukoll minn O. Giacchi fil-ktieb "Il consenso nel matrimonio canonico" (Ediz. 1968 pagna 92),*
*"Nell'animo del nubente, perche' si abbia simulazione... occorre che vi sia non un'assenza della volonta' matrimoniale, ma la presenza di una positiva volonta' di escludere""*, ("**Adrian Busietta vs Eileen Busietta**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April, 2009).

Din il-Qorti ser tqis din l-eskluzjoni minn zewg perspettivi. Ghal dak li jirrigwarda lill-istess rikorrent, il-Qorti tqis li ngabu bizzejjed provi biex juri li huwa kien fil-fatt eskluda miz-zwieg tieghu l-element tal-fedelta'. L-agir tieghu tul iz-zmien kollu li l-partijiet ghamlu flimkien wassal ghal din il-konkluzjoni. Wara kollox, kif intqal fil-kawza "**John Micallef Engerer vs Corinne B**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-22 ta' Ottubru, 2002):

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.*"

Il-provi prodotti mill-intimata jikkostitwixxu elenku ta' episodji li juru li r-rikorrent ma kellu ebda intenzjoni li jifforma ma' martu dik ir-relazzjoni esklussiva li essenzjalment hija z-zwieg, anzi, jidher li warrabha.

Min-naha taghha, l-intimata martu ukoll eskludiet element essenzjali iehor. Jirrizulta ampjament mill-provi illi hija qatt ma riedet ikollha tfal. Isostnih zewgha u ommu u jikkonfermawh habibitha u anke hija stess, ghalkemm donnha tipprova ssib raguni ghaliha minhabba s-sitwazzjoni taz-zwieg.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, galadarba l-Qorti tqis li jezistu provi bizzejjed biex iz-zwieg jigi dikjarat null a tenur tal-Art. 19 (1) (f), din il-Qorti ma tarax utilita' li tindaga oltre.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta u tiddeciedi billi:**

Tilqa’ t-talba u tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-12 ta’ Dicembru 2002 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------